

Huwa faċli li tipparteċipa fil-programm Imprendituri Żgħażagħ tal-Erasmus

1. Fittex il-kriterji li bihom tista' tapplika u l-proċess tal-applikazzjoni fuq www.erasmus-entrepreneurs.eu u applika onlajn
2. Sib imprenditur ġdid li jgħodd għalik bl-għajnuna tal-punt ta' kuntatt lokali tiegħek
3. Ilqa' l-Imprenditur Ġdid fil-kumpanija tiegħek u bbenefika minn kooperazzjoni transfrontali fl-imprenditorija

ET-01-17-958-MT-C

## Għandek bżonn ta' aktar tagħrif?

**Żur is-sit:**

www.erasmus-entrepreneurs.eu

**għal aktar informazzjoni**

**Jew**

**ikkuntattja: l-Uffiċċju tal-Appoġġ għall-Imprendituri Żgħażagħ tal-Erasmus**

support@erasmus-entrepreneurs.eu

Twitter @EYEprogramme

Facebook EYEprogramme

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-71982-0
doi:10.2873/035854

*Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea*

Il-Kummissjoni Ewropea



# Imprenditur Ospitanti

Tixtieq tkabbar in-negozju, jew tidħol fi swieq oħra Ewropej?

**Tixtieq tagħmel kuntatt ma' imprendituri oħra?**

**Qed tikkonfondi dwar kif se tiżviluppa u tipprova tuża iżjed ideat ġodda fin-negozju tiegħek?**



## Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ

QIEGĦED IMFASSAL GĦALIK!



#EUandME
#ErasmusEntrepreneurs

L-Erasmus għall-Imprendituri Żgħażagħ:

# X'inhu?

Il-programm Erasmus għall-Imprendituri Żgħażagħ huwa **programm ta' skambju għal imprendituri** u hu ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Il-persuna li tkun qed tospita tirċievi għotja finanzjarja u l-kumpanija tiegħek ma tħallas xejn. Dan il-programm jagħtik l-opportunità li taqsam l-esperjenzi tiegħek ma' imprenditur ġdid li qiegħed jikkollabora miegħek fuq il-post. Il-perjodu tal-programm ta' skambju huwa ta' bejn xahar u sitt xhur.



## Għalfejn Għandek Tospita imprenditur ġdid?

DIN HI OPPORTUNITÀ LI MHUX TA' MIN JITLIFHA!

### Int tkun tista':

- Tiżviluppa l-kuntatti internazzjonali
- Taħdem flimkien ma' imprenditur ġdid u li hu ħerqan li jkollu ideat ġodda
- Takkwista l-għarfien dwar swieq barranin
- Issib soluzzjonijiet innovattivi biex ittejjeb in-negozju tiegħek
- Tiskopri opportunitajiet potenzjali għall-kooperazzjoni
- Tkabbar in-negozju tiegħek billi tiftaħ f'pajjiż ieħor

Il-Programm Erasmus għall-Imprendituri Żgħażagħ

# fil-prattika:

Il-programm huwa mmexxi minn netwerk ta' punti ta' kuntatt lokali li jinkludu: Kmamar tal-Kummerċ, inkubaturi u organizzazzjonijiet oħra li jsostnu n-negozji li hemm f'pajjiżi differenti.

Wara li timla l-applikazzjoni onlajn u tkun aċċettat li tieħu sehem fil-programm, il-punt ta' kuntatt li tkun għażilt int f'pajjiżek jgħinek issib l-imprenditur il-ġdid li jgħodd għalik.

**L-imprenditur il-ġdid se jqatta' xi ftit żmien fil-kumpanija** u jagħti sehmu għall-iżvilupp tagħha filwaqt li inti tkun qed taqsam miegħu l-esperjenza imprenditorjali. Dan se jkun impenn personali li ma tistax tiddelegah lil ħaddieħor.

Viċin tiegħek issib li hemm punt ta' kuntatt fejn tkun tista' ssib l-għajnuna għall-applikazzjoni. Biex issib dan il-punt ta' kuntatt fittex fil-websajt taħt "Il-punt ta' kuntatt lokali tiegħek".

## Inti tista' tieħu sehem fil-programm bħala IMPRENDITUR OSPITANTI jekk:

- **Inti** resident permanenti f'wieħed mill-pajjiżi li jiffurmaw l-Unjoni Ewropea;
- **Inti** s-sid amministrattiv ta' impriża żgħira jew ta' daqs medju (SME), jew int persuna involuta direttament fit-tmexxija tal-impriża;
- **Inti** għandek mill-inqas 3 snin esperjenza fit-tmexxija tal-kumpanija tiegħek;
- **Inti** lest/a li taqsam l-għarfien u l-esperjenza tiegħek ma' imprenditur ġdid u tagħmilha ta' gwida għalih/a.

